**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR ANTHONY J. VELLA BA.,LL.D.,MA**

**ILLUM 19 ta' Novembru 2015**

**SPETTUR**

**Trevor Micallef**

**VS**

**Mohammed Samer**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mohammed Samer, bin Salah u Fatima nee' Suher, mwieled ryria nhar it- 8 ta' Settembru 1969, residenti Marsa Open Cetnre, Xatt il-Mollijiet, Marsa u detentur tal-Karta tal-Identiat' 9001317A, document ta' identifikazzjoni 005297 BB u numru personali 13MH-040;

Talli f' dawn il- Gzejjer nhat it-30 ta' Lulju 2015 ghal habta tal- 4.00am mill-Bajja ta' San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi;

1) Ikkommetta serq ta' handbag li kien fih mowbajl tal-ghamla Iphone 4(Apple), €25 fi flus kontanti, oggett ohra u document personali ghad-dannu ta' Claudia Rossi u/jew persuni ohra u/jew entitatjiet ohra liema serq huqa kkwalifikat bil-valur aktar minn €232.94 pero anqas minn €2329.37 u bil-hin;
2) Ukoll talli ghamel reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt perojdu ta' zewg sentenzi sospizi moghtija mill-Magistrat Dr Mars Ann Farrugia LL.D u Dr Francesco Depasquale LL.D rispettivament;
3) L-imputat huwa wkoll recidiv ai terminu tal-Artikoli 49,50 u 289 tal-Kap 9 meta huwa kien gie misjub hati u kkudnannat ghall-reati b'sentenzi ta' reati barra minn Malta, liema sentenzi saru defnittivi;

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat l-atti kollha tal- kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Il-provi li gew prodotti mill-Prosekuzzjoni f'din il-kawza ma hallew ebda dubju f'mohh din il-Qorti li l-imputat kien il-persuna li wettaq is-serqa imsemmija. Fil-lejl tat-30 ta' Lulju 2015, l-imputat kien miexi fil-Bajja ta' San Gorg – haga li anke hu jammetti li kien hemm – u intlemah minn xhieda okulari jitbaxxa u jiehu basket minn hdejn Claudia Rossi, persuna ta' nazzjonalita' barranija li dak il-hin kienet flimkien ma' persuna ohra fuq ir-ramel tal-bajja. L-imputat intlemah jiehu l-basket taghha u jahbih that il-flokk tieghu. Il-persuni li rawh, kif ukoll id-derubata u s-sieheb taghha, marru ghal warajh. Ftit tal-hin wara, hu deher fit-triq fejn ftit lil hemm kien hem mil-basket mal-art, vojt. Issejhet il-Pulizija u l-imputat gie arrestat u sussegwentement tressaq fuq din il-kawza.

Dawn il-provi huma univoci u kkorroborati. L-imputat ighid li hu kien hemm, izda jinnega totalment li ha l-basket. Madankollu, ix-xiehda li taw id-depozizzjoni taghhom quddiem din il-Qorti gharfuh bhala l-persuna li ha l-basket minn fuq il-bajja. B'xiehda okulari li jikkonfermaw l- kien l-imputat li seraq il-basket imsemmi, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati u tghaddi ghas-sentenza. Peress illi dan ir-reat twettaq waqt il-perijodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi, il-Qorti ser iddahhalhom fis-sehh, wara li l-qrati f'dawk is-sentenzi tawh diversi opportunitajiet biex ibiddel hajtu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261(c), (f), 267, 270, 279(a), 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija. Tordna dhul fis-sehh tas-sentenzi sospizi datati 24 ta' Jannar 2014 u 12 ta' April 2014, fejn l-istess imputat kien wehel disa' xhur prigunerija u tlitt xhur prigunerija, u ghalhekk l-imputat b'kollox ghandu jservi sentejn prigunerija.

Din il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**